**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 2/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Camilleri)**

**-Vs-**

**ABDALHAMID MAHMOUD**
**EBRAHEM ALSHABT**
**SALEH MAHMOUD**

**Illum, 4 ta' Novembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Abdalhamid Mahmoud ta' 24 sena, bin Adalla u Fatima imwieled fis-Sirja fi 23/01/1994 u joqgħod 60 Coronation Flats No 1 Triq Ix-Xatt Pieta' u numru tar-'Resident Permit' 115064A.

Ebrahem Alshabt ta' 24 sena, bin Ferhan u Hamida imwieled Sirja fi 20/04/1994 u joqgħod 274 Triq Fleur De Lys B'Kara u detentur tal-karta tal-identita' 157530A, u

Saleh Mahmoud ta' 18' il sena bin Abdalla u Fatima imwieled fis-Sirja fi 01/01/1999 u joqgħod 67 Triq Ħal-Qormi Ħamrunn numru tad-Dokument Tal-Asylum 22091/17.

Billi huma akkużati talli fit-18 ta' Mejju 2018 għal ħabta ta' 9pm u/jew ħinijiet wara ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp Ħamrun u/jew f'dawn il-gzejjer mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta' Yasin Ahmed H Elhilali f'periklu ċar ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu cioe' ferita ta' natura gravi ma ċċertifika it-tabib Dr. Leigh Calleja mill-isptar Mater Dei.

Ukoll talli fl-istess ċirkusatnzi mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta' Taha Khalifa f'periklu ċar ikkaġunawlu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu cioe' ferita ta' natura ħafifa skond ma ċċertifikat it-tabib Dr.Karim Abdalla Med 3867 mill-Isptar Mater Dei.

Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi ħebbew għal Yasin Ahmed Elhilali u Taha Khalifa biex jingurjawhom idejquhom jew jagħmlulhom ħsara kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali.

Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi għamilu Yasin Ahmed Elhilali u Taha Khalifa u/jew persuni inġurji jew thedid mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali.

Ukoll talli fl-istess ċirkustanzi mingħajr ma darbu jew sawwtu heddew bil-ġebel jew bi ħwejjeġ iebsin jew waddbuhom, jew qabdu armi kontra Yasin Ahmed Elhilali u Taha Khalifa.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur, fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2019 jaqra u jikkonferma l-akkuzi bil-gurament;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li mhux ħatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tagħhom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-15 ta' Jannar 2021 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe`:

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 214, 215 u 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 339(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 339(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet kollha waqt l-udjenza tat-23 ta' Settembru 2021;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi u Osservazzjonijiet Relevanti**

**Yasin Ahmed Elhilali** xehed[1] illi fit-18 ta' Mejju 2018 huwa kien ma' huh Taha Khalifa sejrin id-dar tal-kuġin ġewwa Triq San Guzepp fejn huwa kien qiegħed joqgħod dak iż-żmien. Huwa pparkja l-karozza u ġew biex jaqsmu t-triq. Qagħdu jistennew il-karozzi jgħaddu meta għaddiet il-vann bit-tliet imputati ġo fih fejn qabeż wieħed minnhom u qallu "x'qed tħares" filwaqt li huwa wieġbu "suq ħa naqsmu". Qal li dak il-ħin l-imputati pparkjaw il-vann fil-ġenb tat-triq u niżlu t-tlieta li huma minn ġol-vann u tnejn minnhom, li huwa identifika bħala l-imputati Ebrahem Alshabt

[1] Xhieda tat-30 ta' Lulju 2019.

u Saleh Mahmoud, ġew għalih filwaqt li t-twil fosthom, identifikat minnu bħala l-imputat Abdalhamid Mahmoud, mar għal ħuh. Lilu bdew isaqsuh x'irid u x'ġara iżda l-persuna li mar għal ħuh kien jidher li l-iktar wieħed li kellu aptit ġlied għaliex rah jimbotta lil ħuh u ħuh imbottah lura. Hu għalhekk ħalla lill-oħrajn u daħal bejn ħuh u l-persuna l-oħra, ċioe' l-imputat Abdalhamid Mahmoud u qalilhom biex jikkalmaw. Dak il-ħin is-sitwazzjoni donnu kkalmat u l-ġlieda spiċċat u l-oħrajn marru lejn il-vann li kien ipparkjat in-naħa tat-triq fejn kienu.

Ix-xhud kompla jgħid illi kif beda jaqsam it-triq u kien kważi wasal fin-nofs tat-triq semagħhom jgħajjtu u meta ħares, rahom ġejjin għalih bil-ħadid tal-iscaffolding tal-bini. Huwa qal li t-tliet imputati kollha kellhom f'idejhom biċċa ħadida tal-iscaffolding. Kif rahom ġejjin għalih, hu telaq jiġri flimkien ma' ħuh in-naħa tal-Pizza Supreme iżda tal-ħanut ma ħallihx jidħol ġewwa għaliex ra l-ġlieda. Huwa ċaħad li huwa jew ħuh kellhom xi ħaġa f'idejhom u kien għalhekk li telqu jiġru 'l hemm. Yasin Ahmed Elhilali xehed illi kif kien qiegħed jiġri, xi ħadd miż-żgħar, li huwa identifika bħala Saleh Mahmoud jew Alshabt Ebrahim, tah daqqa bil-ħadida fuq dahru naħa t'isfel kif ukoll f'idu l-leminija, filwaqt li Abdalhamid Mahmoud beda jagħti lil ħuh bis-saħħa b'ħadida. Huwa reġa' mar ħdejn ħuh biex jipprova jgħinu iżda meta imbotta lill-aggressur, identifikat bħala Abdalhamid Mahmoud, huwa tah daqqa bil-ħadida u fetaħlu rasu tant illi kellu bżonn għaxar punti. Dak il-ħin huwa ħassu stordut u niżel sal-art iżda mbagħad qam. Qala' wkoll daqqa fuq moħħu fuq għajnejh naħa tal-lemin, iżda ma jafx min mill-imputati tahielu. Qal ukoll li kif raw id-demm nieżel ma' wiċċu, l-imputati telqu minn fuq il-post, daħlu fil-vann u telaq.

Ix-xhud qal illi wara ftit tal-ħin meta kien ikkalma, mar bil-karozza flimkien ma' ħuh biex jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun u meta dar ġewwa waħda mit-toroq ta' wara l-Għassa biex jipprova jsib fejn jipparkja, ra lill-imputati fit-triq flimkien ma' persuni oħrajn, wieħed minnhom b'ħadida f'idejh. Hu ħalla l-karozza fin-nofs għaliex ma setax jibqa' għaddej u ħareġ biex imur l-Għassa iżda qala' żewġ daqqiet oħra. Madanakollu, huwa ma jiftakarx jekk min tah dawn id-daqqiet kienx wieħed mill-imputati jew wieħed mill-persuni l-oħrajn li kienu magħhom. Il-Pulizija qalulu biex

imur l-isptar u ċempel lill-mara tiegħu u qagħad barra fit-triq faċċata tal-Għassa. Xi ħadd ġie jorbotlu rasu u meta waslet il-mara, ħaditu l-Isptar fejn għamlulu l-punti f'rasu kif ukoll fuq għajnu tal-lemin.

Din il-verżjoni hija kompatibbli fl-aspetti kollha sostantivi tagħha mal-verżjoni rilaxxata mill-istess Yasin El Hilali lill-Pulizija liema verżjoni hija rapportata fir-rapport Dok. AC1.

**Dr Leigh Calleja** xehed[2] illi huwa kien eżamina lil Yasin Ahmed Elhilali fid-19 ta' Mejju 2018 fis-00:58 fl-Emerġenza u kkostata li kellu qasma ta' madwar seba' ċentimetri fuq in-naħa tal-lemin ta' rasu, barxa taħt għajnejh fuq in-naħa tal-lemin u barxa oħra fuq il-minkeb tal-lemin. Ġie kostatat ukoll li kellu barxa u tbenġil fuq il-ġenb tiegħu naħa tax-xellug u fuq is-sider ta' wara, kif ukoll barxa fuq żaqqu naħa tax-xellug. Xehed ukoll illi minħabba li l-vittma kellu laċerazzjoni oħra fuq il-wiċċ, konsistenti f'qasma ta' madwar ċentimetru fuq in-naħa tal-lemin fuq għajnejh, in-natura tal-offiża ġie ċertifikat li hija gravi.

**Taha Khalifa**, ħu Yasin Ahmed Elhilali, xehed illi huwa kien mal-imsemmi ħuh u kienu sejrin id-dar ta' kuġinuhom ġewwa l-Hamrun, ipparkjaw il-karozza u riedu jaqsmu għan-naħa l-oħra tat-triq meta raw vann blu qed jinstaq bil-mod bin-nies ġo fih iħarsu lejhom. Ħuh qalilhom biex jibqgħu jsuqu u tliet persuni ħarġu mill-vann, liema persuni x-xhud għarafhom bħala l-imputati. Qal illi filwaqt li tnejn minnhom, li ma kienux aggressivi, marru fuq ħuh, wieħed minnhom, li x-xhud identifikah bħala l-imputat Abdalhamid Mahmoud, avviċinah b'mod aggressiv u staqsih x'qed jgħid fejn ix-xhud wieġbu li ma qal xejn u mbagħad l-ieħor imbuttah. Huwa imbottah lura u mbagħad ġie ħuh u pprova jikkalma s-sitwazzjoni u fil-fatt it-tliet persuni l-oħra marru lura ħdejn il-vann tagħhom filwaqt li hu u ħuh bdew jaqsmu t-triq. F'dak il-waqt huma semgħu l-għajjat u meta dar ra li l-imputati kellhom ħadid tal-iscaffolding kull wieħed f'idejhom ta' madwar metru jew metru u nofs tul, liema ħadid ġabuh mill-trakk tagħhom ta' lewn blu, liema trakk kien mimli bil-ħadid tal-iscaffolding. Huma

[2] Xhieda tal-10 ta' Ottubru 2019; ara wkoll ċertifikat mediku Dok. CW9, fol. 62.

pprovaw jaħarbu billi jidħlu ġo restaurant iżda l-persuni li kien hemm ġewwa ma ħallewhomx jidħlu u sakkru l-bieb.

Taha Khalifa kompla jgħid li Abdalhamid Mahmoud ipprova jsawtu bil-ħadida, tah xi daqqiet u laqtu f'idu iżda mbagħad irnexxilu jiżgiċċah. Dak il-ħin ġie ħuh Yasin biex jgħinu għaliex l-imputat Abdalhamid Mahmoud kien qed ikompli jipprova jsawtu u skont ix-xhud kien l-uniku wieħed fosthom kollha li deher li ried jiġġieled. Xehed illi hekk kif ġie jgħinu ħuh, l-imputat Abdalhamid Mahmoud dar lejh u laqat lil ħuh fuq rasu bil-ħadida li kellu f'idu u dak il-ħin ħuh storda u kien hemm ħafna demm nieżel. L-imputati telqu minn fuq il-post u huma marru lura fil-karozza tagħhom biex jibqgħu sejrin l-Għassa tal-Pulizija. Iżda meta daħlu bil-karozza ġo triq dejqa u kienu mexjin bil-mod, raw l-istess persuni fit-triq flimkien ma' ħafna iktar nies, forsi xi ħamsa oħra u minħabba fihom, ma setgħux jibqgħu jsuqu iktar għaliex imblokkawlhom it-triq. Għalhekk huma ħarġu mill-karozza u telqu jiġru lejn l-Għassa tal-Pulizija iżda meta huwa mar lura fuq il-post flimkien mas-surġent, kienu diġa' laħqu waslu diversi uffiċjali tal-Pulizija u l-imputati kienu għadhom hemmhekk. Ix-xhud qal illi ħuh baqa' jistenna fejn l-Għassa tal-Pulizija fejn ċempel lil martu biex twasslu l-isptar. Ix-xhud spjega illi waqt il-ġlieda huwa ġarrab qasma f'rasu u weġġa wkoll għonqu kif ukoll ġarrab ferita f'idu iżda kkonferma illi ma għadx hemm marki li jidhru f'idu.

**Dr. Karim Abdallah** xehed[3] dwar il-feriti li ġarrab Taha Khalifa, liema feriti ġew ċertifikati minnu bħala barxa fuq spalltu tax-xellug kif ukoll qasma fis-suba' tal-lemin li kienet teħtieġ il-punti. Peress li ma kienx hemm ksur, l-offiża ġiet klassifikata bħala waħda ħafifa.

**Insah Elhilali** xehdet[4] illi fit-18 ta' Mejju 2018 għall-ħabta ta' bejn id-9.30 p.m. u l-10.00 p.m. irċeviet telefonata mingħand żewġha Yasin Elhilali fejn qalilha biex tmur għalih hdejn l-Għassa tal-Hamrun għax weġġa'. Dak il-ħin kienet għand ommha San Ġwann u telqet mill-ewwel u meta waslet l-Għassa sabitu mimdud mal-art barra

---

[3] Xhieda tal-21 ta' Jannar 2020.
[4] Xhieda tat-30 ta' Lulju 2019.

b'fetħa ġo rasu. Kien hemm ħafna demm nieżel u kien nofsu mitluf minn sensih. Kien hemm ħafna nies fl-Għassa u xi ħadd qalilha biex tieħdu l-Isptar. Żewġha beda jgħidilha li kien ħalla l-karozza tiegħu waħedha u saqet sakemm sabet il-karozza tiegħu fit-triq wara l-Għassa fuq ix-xellug, iżda t-triq kienet magħluqa b'ħafna Pulizija u kien hemm ukoll ħafna nies. Qalet illi żewġha kien magħha fil-karozza u rat wieħed mill-imputati li hija għarfet bħala l-imputat Abdal Hamid Mahmoud li kien qed jiġi eskortjat minn Pulizija immanettjat, u kif għadda ħdejn il-karozza tagħha lil żewġha qallu "*I marked you .. I know your face*". Ħu r-raġel imbagħad ġie l-Isptar bil-karozza ta' żewġha għaliex hu kien imweġġa' wkoll f'idejh. Ix-xhud stqarret illi hi marret tfittex il-karozza tar-raġel qabel ħaditu l-isptar għaliex din kienet mitluqa waħedha u biex jekk ikun hemm bżonn, tressaqha. Riedet tara wkoll fejn kien ħuh u x'kien ġralu, iżda ma setgħetx għaliex it-triq kienet magħluqa. Stqarret ukoll illi dak il-ħin lil ħuh ma ċemplitlux u ċemplitlu biss wara meta kienet diġa' l-isptar.

Ix-xhieda ta' PS1500 Alfred Cutajar tikkorrobora fis-sostanza x-xhieda ta' Insah Elhilali. PS1500 Alfred Cutajar[5] li xehed illi meta wasal fuq il-post tal-incident kien hemm diġa l-Pulizja tal-RIU kienu qed jikkalmaw xi persuni milli jkomplu jiġġieldu bejniethom u kien hemm vettura tal-għamla Kia ta' lewn griż bin-numru ta' reġistrazzjoni ECA-052[6] li kienet ipparkjata fin-nofs tat-triq. Wieħed mill-persuni li kienu involuti fil-ġlieda qallu li kellu bżonn imur l-Isptar għaliex ġarrab qasma fuq rasu b'xi ħaġa iebsa, u wasslitu l-mara tiegħu. Huwa ra lill-mara ta' din il-persuna ġol-karozza tagħha. Xehed ukoll illi l-vann li kien qed jintuża minn wieħed mill-imputati kien ipparkjat xi ftit metri 'l bogħod minn fejn kien ġara l-argoment u fejn kien hemm il-karozza l-oħra. Fuq wara tal-vann kien hemm xi ħadid tal-iscaffolding u mill-istess van ġie elevat ukoll sikkina li jista' jkun intużat waqt l-argoment; dan għamlu fil-presenza ta' wieħed mill-imputati. Ix-xhud qal ukoll li wieħed mill-imputati kellu xi grif fuq żaqqu iżda huma kienu għażlu li ma jmorrux ġo klinika jew l-isptar biex jieħu kura medika. Ġiet elevata wkoll ħadida tal-iscaffolding ta' lewn oranġjo minn taħt siġra fi Pjazza San Pawl ftit metri 'l bogħod mill-Għassa tal-

[5] Xhieda tat-30 ta' Lulju 2019.
[6] Saret korrezzjoni fir-rigward tan-numru ta' registrazzjoni ECA-057 biex dan jiġi jaqra ECA-052, mill-istess xhud PS1500 Alfred Cutajar fix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Marzu 2020.

Pulizija, liema ħadida kienet taqbel ukoll fil-kulur mal-ħadid li kien hemm fil-vann tal-imputati. Ix-xhud qal li waqt it-tfittxija li saret fil-karozza li kienet ipparkjata fin-nofs tat-triq ma ġiex innotat li kien hemm demm ġo fiha għaliex kieku dan kien jitniżżel fir-rapport. Ikkonferma illi preżenti fuq il-post fejn seħħ l-argoment kien hemm ukoll ħu l-vittma.

**PS 674 Nigel Mallia** xehed[7] illi hu, flimkien ma' diversi karozzi tal-Pulizija, wasal fi Triq Ħal Qormi il-Ħamrun fejn ġie rapportat li kienet qed isseħħ ġlieda li kienet bdiet oriġinarjament fi Triq San Guzepp il-Hamrun stess. Hemmhekk instabu diversi persuni barranin, madwar għaxra b'kollox inkluż b'xi nisa minn tagħhom, li kienu qed jargomentaw, iżda dak il-ħin ma kienux imqabbdin ma' xulxin. Huwa xehed ili filwaqt li l-Pulizija ikkalmaw is-sitwazzjoni, huwa nnota li wieħed mill-persuni deher li kien imweġġa' u għazel li jmur l-isptar flimkien ma' qarib minn tiegħu bil-karozza privata tagħhom. Fuq il-post ipparkjati fin-nofs u li x'aktarx kienu involuti fil-ġlieda kien hemm żewg vetturi, waħda ECA-052 u l-oħra LCM-134.

**L-imputat Abdalhamid Mahmoud** fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti[8] qal li huwa kien sejjer id-dar ta' ħuh wara x-xogħol u meta għadda bil-karozza quddiem il-ħanut For You ġewwa l-Ħamrun, ra żewġ persuni Libjani fuq il-bankina u wieħed minnhom baqa' jħares lejh. Din il-persuna staqsih għaliex kien qed iħares lejh iżda hu innega li kien qed iħares. Madanakollu, il-persuna l-oħra baqgħet tinsisti li huwa kien qed iħares lejh u beda jkellmu ħażin. L-imputat qal li f'dak il-waqt, din il-persuna "*ġie fejn il-karozza tagħna fetaħ il-bieb tal-karozza tiegħi u* ***poġġa idejh fuq sidri u ħariġni mill-karozza.*** *Fil-vann tiegħi kien hemm il-ħadid ħarġu ... u ħadu dawk il-biċċiet tal-ħadid minn ġewwa l-karozza tiegħi.*" L-imputat insista li kienu ż-żewġ persuni l-oħra, li huma aħwa, li qabdu l-biċċiet tal-ħadid minn ġewwa l-vettura tiegħu u żied jgħid li dak il-ħin stess, huwa ħareġ mill-vettura u ħutu ħarġu wkoll. Huma rnexxilhom jieħdu lura l-ħadid minn idejn il-persuni l-oħrajn u qalulhom ukoll biex jitilqu 'l hemm iżda huma baqgħu jinsistu li joħoqlu l-problemi u għalhekk, spiċċaw

[7] Xhieda tas-6 ta' Novembru 2019.
[8] Xhieda tas-6 ta' Mejju 2021.

jiġġieldu ma' xulxin. L-imputat qal ukoll li "*ġie wieħed Sirjan daħal fin-nofs baqa' jifridna dak is-Sirjan*" u rnexxielu wkoll jieħu lura t-targa tal-karozza tiegħu minn wieħed mil-Libjani li kien qalagħha minn postha.

Xehed ukoll illi meta waslu l-Hamrun huwa ħareġ mill-karozza u mar iħabbat il-bieb ta' ħuh u dak il-ħin waslu wkoll il-persuni Libjani u pparkjaw il-karozza tagħhom wara l-karozza tiegħu. F'idejhom huma kellhom biċċa ħadida u l-ieħor kellu għodda li tibdel it-tyres filwaqt li hu u sħabu ma kellhom xejn f'idejhom. Qal illi hawnhekk reġgħu qabdu ma' xulxin u kellu jżomm wieħed minnhom biex ma jsawtux iżda wieħed minnhom gidmu f'idu l-leminija. Hawnhekk ħareġ ħuh mid-dar tiegħu kif ukoll ħutu minn ġol-vettura tiegħu u waslu wkoll il-Pulizija fuq il-post u firduhom. L-imputat qal ukoll li kellu gidma fuq spalltu tal-lemin.

Il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax ma tagħmilx referenza għal dak li ġie mistqarr mill-istess imputat Abdalhamid Mahmoud lill-Pulizija waqt li kien arrestat[9], fejn huwa qal illi meta wasal ħdejn il-ħanut tal-pizza For You, kien hu li niżel mill-vann u dan għaliex kien hemm żewġ Libjani fuq il-bankina u bdew jgħajtu u jkellmuh ħażin. Imkien ma qal li wieħed mil-Libjani ġibdu 'l barra mill-vann. Qal ukoll illi dawn iż-żewġ persuni ħadulu l-pajpijiet tal-iscaffolding minn ġol-vann u bdew isawtuh bil-pajpijiet tal-ħadid u wara, qabdu jiġġieldu bl-idejn hu u dawn iż-żewġ irġiel fejn wieħed minnhom qabad platt tal-ħġieġ u tah bih f'rasu. Kuntrarjament għal dak li xehed quddiem il-Qorti, l-imputat Abdalhamid Mahmoud fl-istqarrija tiegħu qal li wieħed mill-irġiel l-oħrajn żamm wieħed mill-biċċiet tal-ħadid f'idejh u meta waslu viċin l-Għassa tal-Pulizja tal-Ħamrun biex imorru għal ħuh l-ieħor, dawn iż-żewġ persuni ġew warajhom b'karozza griża u niżlu għalih b'ħadida tat-tyres u pipe tal-iscaffolding u bdew isawtuh. Dak il-ħin ġie ħuh mid-dar u niżel ħuh l-ieħor mill-vann u ġie wkoll Ebrahem u bdew jagħtu.

---

[9] Stqarrija tat-2 ta' Diċembru 2018, Dok. CW7, fol. 58, liema stqarrija ġiet rilaxxata wara li Abdalhamid Mamhoud ingħata d-drittijiet legali tiegħu kollha iżda rrifjuta li jikkonsulta ma' avukat – ara Dok. CW5, fol. 55.

**Fl-istess stqarrija Abdalhamid Mahmoud kompla jgħid illi waqt illi l-oħrajn kienu qegħdin isawtuh, Ebrahem Alshabt mar minn warajhom u lil wieħed minnhom tah daqqa ta' pipe f'rasu, fetaħlu rasu u beda ħiereġ id-demm.** Huwa ċaħad illi ta b'ħadida f'ras lil wieħed mill-persuni l-oħrajn li kien qed jiġġieled magħhom u kkonferma li kien Ebrahemli fetaħlu rasu. **Ħaġa li ma semma bl-ebda mod fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti.**

Abdalhamid Mahmoud qal ukoll fl-istqarrija tiegħu illi waqt l-ewwel ġlieda, wieħed mill-irġiel l-oħrajn fetaħ il-baskett u ħaseb li ra sikkina. **Iżda meta mbagħad ġie mistoqsi speċifikatament jekk waqt l-ewwel ġlieda xi wieħed mill-persuni l-oħra kellu xi ħadida jew arma oħra f'idejhom, Abdalhamid wieġeb fin-negattiv u qal li kien biss waqt it-tieni ġlieda li Ebrahemu Saleh ħarġu bil-ħadid biex jaqbżu għalih**. Kuntrarjament għal dak li xehed fil-Qorti, l-imputat qal illi huwa weġġa' f'rasu u għajnejh, ħuh Saleh Mahmoud kellu xi daqqiet f'daharu filwaqt li Ebrahemma weġġax.

**L-imputati l-oħra, Mahmoud Saleh u Alshabt Ebrahem**, xehdu limitatament biex jikkonfermaw li semgħu id-depożizzjoni tax-xhieda tal-imputat Abdalhamid Mahmoud u ma għandhomx x'iżidu magħha. Dan ifisser li huma jaqblu li l-verżjoni tal-ko-imputat Abdalhamid Mahmoud fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, tirrappreżenta l-fatti kif verament seħħew.

**Madanakollu, hawnhekk ukoll, il-Qorti ma tistax tonqos milli tqabbel jew aħjar tikkuntrasta, din ix-xhieda mal-verżjoni mogħtija mill-imputat Saleh Mahmoud u mill-imputat Alshabt Ebrahem fl-istqarrijiet rilaxxati minnhom rispettivament fit-28 ta' Ġunju 2018[10], waqt li kienu qed jiġu interrogati mill-Pulizija.**

**L-imputat Saleh Mahmoud fl-istqarrija tiegħu** spjega illi kien fil-vann ma' ħuh u kif waslu viċin tal-ħanut tal-pizza For You, ra żewġ Libjani fit-triq. Dak il-ħin kien hemm ħafna traffiku u l-vann kien mgħobbi bil-ħadid tal-iscaffolding u wieħed mil-

[10] Dok. CW2, fol. 48 u Dok. CW4, fol. 52, rispettivament.

Libjani qalilhom li kienu qegħdin iħarsu lejh u mar ġab il-ħadid mill-vann flimkien mal-ħabib tiegħu u mar għalih u għal ħuh u beda jiftaħlu l-bieba. Huwa niżel mill-vann ma' ħuh u Ebrahim, talbulhom il-ħadid iżda l-Libjani rrifjutaw **u għalhekk marru ġabu l-ħadid mill-vann u bdew jiġġieldu bil-ħadid**. Saleh Mahmoud stqarr illi huwa weġġa' fil-ġenb, ħuh weġġa' idejh filwaqt li Ebrahemma ġralu xejn u lanqas kellu ħadid f'idejh waqt il-ġlieda. **Huwa ra li l-libjan kellu d-demm ma' rasu iżda sieħbu ma kellu xejn** u telqu minn fuq il-post bil-vann. Meta waqfu l-Ħamrun viċin il-bar żgħir biex jgħajtu lil ħuhom l-ieħor, waqfet karozza warajhom, ix-xufier baqa' fil-karozza u l-ieħor niżel bil-ħadida li kien ħa mill-vann tagħhom, niżlu mill-vann hu u Ebrahemu reġgħu bdew jagħtu. Imbagħad niżel ukoll ix-xufier mill-karozza u huwa ra sikkina f'idejn ix-xufier u rah ukoll qed jipprova jodrob lil ħuh Abdalhamid Mahmoud biha, imma ma laqtux u huwa rnexxilu jeħodlu s-sikkina u tefagħha ġewwa t-trakk tagħhom. F'dak il-waqt ix-xufier mar iġib ħadida li tneħħi t-tyre biha minn ġol-karozza u komplew jiġġieldu. Saleh Mahmoud qal li meta ġew il-Pulizija fuq il-post qalulhom li l-Libjani kienu ħadu t-targi tal-vann tagħhom u l-Pulizija sabuhom fil-karozza tal-libjan u tawhom lil ħuh. Urihom ukoll is-sikkina ġol-vann u l-Pulizija ħaduha magħhom u ħadu wkoll il-ħadida tat-tyre. Qal li din is-sikkina ma kienx raha waqt l-ewwel ġlieda.

**Da parti tiegħu, l-imputat Ebrahem Alshabt**, waqt li kien qed jiġi interrogat stqarr lill-Pulizija illi fit-18 ta' Mejju 2018 waqt li kienu sejrin id-dar bit-trakk misjuq minn Abdalhamid, raw żewġ persuni fit-triq li staqsewhom għafejn kienu qed iħarsu lejhom, ħaġa li ma kienux qegħdin jagħmlu, u huma niżlu mit-trakk għaliex wieħed minnhom ried jidrob lil Abdalhamin b'xi ħaġa – jaħseb li kienet sikkina żgħira jew kuċċarina - li ħareġ minn ġo borza, filwaqt li l-ieħor mar iġib ħadida tal-iscaffolding mill-vann tagħhom. Għalkemm huwa ħa l-pajp minn idejh, il-Libjan mar iġib ieħor u bdew jiġġieldu. Qal li sieħbu weġġa' f'idejh u l-ieħor fuq idu u waqt il-ġlieda **ra wkoll li wieħed mill-oħrajn kellu d-demm f'rasu iżda ma rax min kien laqtu u eskluda kategorikament li kien hu li laqtu**. Wara marru l-Ħamrun u meta kienu neżlin mill-vann ġew l-istess Libjani u niżlu mill-karozza tagħhom u riedu jiġġieldu u reġgħu ġġieldu l-ħamsa li huma: dak li kien weġġa' rasu kellu f'idejh ħadida li tibdel

it-tyre bih u l-ieħor kellu qiesu pajp żgħir.  Ċaħad li ra xi skieken f'idejn il-libjani f'xi ħin.

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tigi misjuba ħatja tkun trid tigi instawrata f'moħħ il-ġudikant, iċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex huwa rari li jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova.  Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed ghas-sejbien ta' ħtija kriminali, li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`.  Dan il-grad ta' prova hija l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex persuna akkużata tista' tinstab li hi ħatja ta' reat kriminali.

Sabiex tara jekk dan il-livell probatorju jkun intlaħaq fil-kaz partikolari, il-Qorti trid tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

*« Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ.  Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala*

*konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[11]

Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet prinċipali li huma manifestament kunfliġġenti kwantu għal dak li effettivament seħħ bejn l-imputati u l-aħwa Yasin Ahmed Elhilali u Taha Khalifa. Filwaqt li in sostanza, il-verżjoni tal-Prosekuzzjoni hi li l-imputati ħarġu mill-vettura tagħhom u qabdu l-pajpijiet tal-ħadid li kellhom fil-vann u sawtu lill-aħwa bihom, il-verżjoni tal-imputati hi li kienu l-persuni l-oħrajn li ħebbew għall-imputat Abdalhamid Mahmoud, ħarġuh mill-vann tiegħu u qabdu l-biċċiet tal-ħadid mill-istess vann biex jiġġieldu.

M'humiex infrekwenti dawk il-proċeduri fejn il-fatti li joħorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li addirittura jgħidu bil-maqlub ta' xulxin u għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta` minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni oħrajn imsemmija mill-Artikolu 633 u mill-Artikolu 636 tal-istess Kodiċi, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi oħrajn tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Kif gie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[12], mhux kull konflitt fil-provi għandu neċessarjament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici*

[11] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.
[12] Deciza 9.7.2003.

*Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux».*

Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta` tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova mehtieġ għas-sejbien ta' htija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma għandhiex il-konfort ta' xi prova oġġettiva bħal filmat tal-incident, li kien ikun ferm utili biex jirriżolvi l-ekwivoċi u jelimina d-dubji dwar dak li effettivament seħħ u biex jafferma jew inaqqas mill-kredibbilita` ta' wahda jew l-oħra mill-verzjonijiet kuntrastanti tax-xhieda u l-partijiet. Madanakollu, minn evalwazzjoni tat-testimonjanza tax-xhieda li ddeponew quddiemha, anke fl-isfond tal-verżjonijiet rilaxxati ftit wara li seħħ l-incident u l-istqarrijiet relattivi, il-Qorti tqis illi m'huwiex daqstant diffiċli tirriżolvi l-kunflitt fil-provi. Wara kollox, il-Qorti semghet ix-xhieda u rat il-komportament tax-xiehda fuq il-pedana u ma tistax ma tirrimarkax, kif diġa' għamlet, illi hija osservat differenza sostanzjali bejn il-konsistenza fuq naħa waħda, tal-verżjonijiet tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni u l-għadd ta' kontradizzjonijiet u inkonsistenzi fil-verżjonijiet tal-imputati meta x-xhieda tagħhom tiġi mqabbla ma' dak li stqarrew huma stess waqt l-interrogazzjoni tagħhom mill-Pulizija[13] u iktar qabel fit-23 ta' Mejju 2018.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-verżjoni fl-istqarrija ta' Abdalahmid Mahmoud, riprodotta iktar qabel, mhux biss tikkuntrasta radikalment mad-depożizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti, iżda tikkozza b'mod ferm iktar manifest mal-verżjoni li l-istess imputat kien irrilaxxa lill-Pulizija fit-23 ta' Mejju 2018[14], fejn qal li quddiem l-istabbiliment Pizza For You, meta kien wieqaf fit-traffiku, wieħed miż-żewġ persuni li

[13] 28 ta' Ġunju 2018 u 2 ta' Diċembru 2018.
[14] Wara li ġie mogħti d-drittijiet legali tiegħu: ara fol. 138 u xhieda ta' PC321 Joseph Casha tat-12 ta' Marzu 2020.

bdew iħarsu lejh u lejn sħabu fil-karozza offendih b'ommu. Imbaghad minnufih kompla jghid hekk: "*Tlajna fejn id-dar ta' ħija, u nnutajt li huma ġew jiġru warajna bil-vettura tagħhom. Wara kien hemm wieħed minnhom u niżel b'ħadida sewda u l-ieħor niżel b'sikkina. U kienu jridu jduruni. U kif kienu ħa jduruni ħarġu ħuti li kienu miegħi u bdew jgħajtu ġewwa t-triq ħalli jbeżżgħuhom. Imbad inqalgħet konfużjoni kbira. Fil-konfużjoni stajt ninnota li ħin minnhom* ***dak li kellu s-sikkina f'idejh laqat il-sieħbu stess fuq in-naħa ta' wara ta' rasu***."

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar dawn il-kontradizzjonijiet u inkonsistenzi manifesti li jirriżultaw meta l-verżjonijiet li ngħataw mill-imputat Abdalhamid Mahmoud lill-Pulizija f'żewġ okkażżjonijiet differenti jitqiegħdu fl-isfond tad-depożizzjoni ġuramentata tiegħu quddiem il-Qorti. F'dawn il-verżjonijiet il-Qorti tirriskontra konflitti radikali li jnaqqxu drastikament l-affidabbilita' tax-xhieda tiegħu tant illi l-Qorti tqis li ftit li xejn tista' tagħti piż lill-verżjoni tiegħu. L-imputat jikkontradixxi ruħu mhux biss dwar kif spiċċa ħareġ mill-vettura tiegħu – jekk hux għaliex l-ieħor ħarġu 'l barra jew niżel huwa stess għaliex l-ieħor kien qed joffendih – iżda wkoll dwar dak li effettivament seħħ waqt il-kollutazzjoni, kif weġġa' Yasin Elhilali u min weġġgħu, l-armi li allegatament kellhom f'idejhom iż-żewġ persuni l-oħra, kif ukoll dwar il-ġrieħi li ġarrab huwa stess, fost oħrajn.

L-iktar diverġenza sinjifikanti fil-fehma tal-Qorti hu l-fatt illi kif rajna, l-imputat Abdalhamid Mahmoud fl-istqarrija tiegħu kien waħħal f'sieħbu l-ko-akkużat Ebrahem Alshabt u qal li kien hu li laqat lil Yasin Elhilali f'rasu, filwaqt li fil-verzjoni li rrilaxxa lill-Pulizija l-għada tal-inċident, l-istess imputat Abdalhamid Mahmoud stqarr illi meta l-ġlieda kompliet ġewwa Triq Ħal Qormi, huwa nnota li l-persuna li kellha s-sikkina f'idejha fil-kommossjoni – għalhekk prezumibbilment Taha Khalifa - laqat lil sieħbu stess f'rasu bis-sikkina.

Wisq inqas tista' tagħti affidabbilita' lix-xhieda taż-żewġ imputati l-oħra, Alshabt Ebrahem u Saleh Mahmoud meta dawn għażlu li jagħmlu tagħhom ix-xhieda tal-ko-

akkużat tagħhom meta effettivament, din il-verżjoni m'hija xejn konsistenti u lanqas verosimili.

Il-Qorti fliet ix-xhieda u hija konvinta illi l-fatti sostantivi tal-każ ġraw kif ġie deskritt fix-xhieda tal-aħwa Yasin Elhilali u Taha Khalifa: huwa ppruvat illi nqala' diverbju bejn wieħed mill-aħwa u l-imputat Abdalhamid Mahmoud meta l-aħwa kienu qed jistennew biex jaqsmu t-triq ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun u sussegwentement l-imputati kollha niżlu mill-vann tagħhom u seħħet il-kollutazzjoni. Iżda l-Qorti ssibha diffiċli ferm temmen il-verżjoni tal-imputati li kienu l-aħwa Yasin Elhilali u Taha Khalifa - li wara kollox kienu għaddejjin għall-affarijiet tagħhom sejrin lejn id-dar - li qabdu s-skieken u ħarġu l-kanen tal-ħadid minn ġol-vann tal-istess imputati u aggredewhom bihom u mhux bil-kontra, meta l-provi juru illi kienu biss l-imsemmija aħwa li ġew feruti f'din il-kollutazzjoni.

Huwa minnu illi Spiridione Zammit, l-Ispettur li kien investiga dan il-każ, xehed illi l-imputati ġarrbu xi ġrieħi, iżda ma tressqet l-ebda prova dwar in-natura ta' dawn il-ġrieħi u kif ġew ikkaġunati. Dan qed jingħad għaliex mhux biss ma ġewx prodotti ċ-ċertifikati mediċi li ssemmew fix-xhieda ta' Spiridione Zammit u d-difiża lanqas talbet li dawn jiġu prodotti, talli d-deskrizzjoni tal-ġrieħi li l-imputat Abdalhamid Mahmoud[15] allegatament ġarrab ma tabqel xejn ma' dak li stqarr waqt li ġie interrogat mill-Pulizija dwar il-każ.

Il-Qorti tqis li huwa sodisfaċjentement ippruvat illi Yasin Ahmed Elhilali qala' f'rasu d-daqqa li kkaġonat il-qasma li minnha beda nieżel id-demm, fl-ewwel ġlieda li seħħet meta hu u ħuh Taha Kahlifa kienu ser jaqsmu t-triq ġewwa Triq il-Kbira San Gużepp, il-Hamrun. Effettivament, ix-xhieda kollha - ħlief għall-imputat Abdalhamid Mahmoud - jaqblu li Elhilali kellu d-demm nieżel ma' wiċċu qabel l-imputati telqu bil-vann tagħhom minn fuq il-post. Dan jirriżulta mhux biss mix-xhieda tal-vittma nnifsu u ta' ħuh Tafa Khalifa, iżda wkoll minn dak li ġie mistqarr lill-Pulizija mill-

[15] Hu kien l-uniku wieħed mill-imputati li xehed dwar il-ġrieħi li ġarrab f'dan l-inċident: l-imputati l-oħra ma semmew xejn fir-rigward fix-xhieda tagħhom.

imputati Alshabt Ebrahem u Saleh Mahmoud waqt l-interrogazzjoni. Dan ifisser ukoll, naturalment, illi kuntrarjament għal dak li sostna l-imputat Abdalhamid Mahmoud – konfermat mill-imputati l-oħrajn fix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti - mhux minnu illi waqt din l-ewwel ġlieda, l-ebda wieħed mill-imputati ma kellhom xi ħadida jew arma oħra f'idejhom ħlief għall-ħadid li rnexxilhom jieħdu lura mingħand il-persuni li kienu qed jiġġieldu magħhom, bħalma mhux minnu lanqas illi l-vittmi indarbu biss waqt it-tieni fażi tal-ġlieda fejn l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun.

Il-Qorti lanqas m'hija konvinta bil-verzjoni tal-imputati li kienu l-vittmi f'dan il-każ li segwewhom u ħarġu mill-vettura biex jaggreduhom fit-tieni fażi tal-ġlieda: hi temmen illi f'dak il-waqt li huma kienu qegħdin fi triqithom biex jirrapportaw fl-Għassa tal-Pulizija l-aggressjoni li kienet appena seħħet fi Triq il-Kbira San Ġużepp il-Ħamrun, iżda inzertaw lill-imputati li dak il-ħin kienu akkumpanjati minn diversi persuni oħrajn[16]. M'huwiex daqshekk verosimili l-ipotesi li ż-żewġ aħwa ħarġu mill-vettura tagħhom biex jaggredixxu lill-imputati meta jirriżulta li dak il-ħin it-triq kienet ostakolata bil-vann tal-imputati li kienu barra fit-triq akkompanjati minn madwar ħames jew sitt persuni oħrajn, fosthom qraba tagħhom, u meta wara kollox, Yasin Elhilali kien diġa' midrub serjament. F'kull każ, dak li seta' seħħ f'din it-tieni parti tal-ġlieda ftit huwa relevanti ġaladarba ġie stabbilit illi l-ġrieħi li soffrew l-aħwa Yasin Elhilali u Taha Khalifa ġew ikkaġonati fl-ewwel fażi tal-kollutazzjoni.

Kif ingħad, huwa stabbilit illi Yasin Ahmed Elhilali qala' d-daqqiet ġo rasu u f'wiċċu kif ukoll f'daharu u f'id, fl-ewwel parti tal-ġlieda ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp u mhux sussegwentement, u l-istess Tafa Khalifa, li xehed li huwa qala' daqqa b'ħadida mingħand l-imputat Abdalhamid Mahmoud fl-ewwel fażi tal-ġlieda[17]. Il-Qorti tinsab sodisfatta illi l-imputat Abdalhamid Mahmoud li kkaġuna l-offiżi li ġarrbu ż-żewġ vittmi f'din il-kawża.

---

[16] PS674 Nigel Mallia xehed illi meta wasal fuq il-post kien hemm madwar għaxar persuni b'kollox. Ara wkoll xhieda ta' Yasin Elhilali u Taha Khalifa fir-rigward.

[17] Dan jidher li hu konfermat mil-imputat Elshabt Ebraim fl-istqarrija tiegħu.

Kwantu għaż-żewġ imputati l-oħrajn Alshabt Ebrahem u Saleh Mahmoud, huwa minnu li Yasin Elhilali xehed illi qala' daqqa ġo daharu u f'idu minn wieħed miż-żewġ imputati l-oħrajn meta l-imputat marru jiġru warajhom bil-biċċiet tal-ħadid f'idejhom, iżda x-xhud naqas milli jidentifika dak l-imputat li effettivament aggredih bil-ħadida f'dak l-istadju. Yasin Ahmed Elhilali xehed ukoll illi għalkemm qala' żewġ daqqiet meta ħareġ mill-vettura tiegħu biex jibqa' sejjer l-Għassa tal-Pulizija biex jirrapporta li ġie aggredit, ma setax jeskludi illi kien xi ħadd mill-persuni l-oħrajn li kienu flimkien mal-imputati fit-triq li weġġgħu dak il-ħin[18]. Fi kwalsiasi każ iżda, l-Avukat Ġenerali ma indikax ir-reat taħt l-Artikolu 237 tal-Kodiċi Kriminali fin-nota tar-rinviju u għalhekk il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputati Alshabt Ebrahem u Saleh Mahmoud għal xi ġrieħi li ġarrab Yasin Elhilali waqt l-ewwel kollutazzjoni jew fir-rissa li nqalgħet fit-triq ta' wara l-Għassa tal-Pulizija.

Mill-kumpless tal-provi iżda, hija sodisfatta li m'hemm l-ebda prova kwalsiasi u f'kull każ ma ġiex allegat, illi dawn iż-żewġ imputati Alshabt Ebrahem u Saleh Mahmoud, ikkaġunaw xi feriti fuq il-persuna ta' Taha Khalifa u effettivament, it-tabib li ċċertifika l-ġrieħi sofferti minn Yasin Elhilali mkien ma jidher li rriskontra xi ferita f'dahar il-vittma. Għall-kuntrarju, il-provi kollha jippuntaw inkonfutabbilment lejn l-imputat Abdalhamid Mahmoud.

Kwantu għall-allegazzjoni li għamel l-imputat Abdalhamid Mahmoud waqt l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija fit-2 ta' Diċembru 2018, illi kien il-ko-akkużat Alshabt Ebrahemli ta daqqa Yasin Ahmed Elhilali f'rasu u fetaħhielu, il-Qorti tosserva illi hu prinċipju fondamentali tal-proċedura kriminali illi dak li jgħid l-akkużat fil-konfront ta' ko-akkużat iehor, ma jistax jitqies bi preġudizzju jew favur il-persuna l-oħra li wkoll tinsab akkużata bl-istess reat. Fi kliem ieħor, dak li jgħid akkużat jgħodd biss fil-konfront tiegħu u ma jista' la jibbenefika u lanqas jippregudika ko-akkuzat iehor[19]. Dan il-prinċipju huwa rispekkjat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 660 tal-

---

[18] Fl-istqarrija tiegħu, Saleh Mahmoud iddikjara illi Alshabt Ebrahim fl-ebda waqt ma kellu xi ħadida f'idejh.
[19] **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' April 1992.

Kap. 9 li jipprovdu li konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.

In tema ingħad hekk:-

"*... hu ovvju li ladarba l-appellanti u Tarek Ayari kienu ko-imputati u akkuzati bl-istess reat, mhux biss l-istqarriji taghhom rispettivi ma setghux jaghmlu prova kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setghu jitqiesu bhala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-ohra. Ghalhekk hawn non si tratta tal-htiega o meno ta' korroborazzjoni ... imma ta' prova li ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti, ghax dak li jixhed ko-imputat ma jiswiex bi prova la favur u lanqas kontra ko-imputat iehor*"[20].

L-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju legali għall-fatti ta' dan il-każ ifisser li l-Qorti tista' tqis dak li jgħid kull wieħed mill-imputati quddiemha, bhala prova fil-konfront tiegħu biss mhux fil-konfront tal-imputat l-ieħor ukoll. Konformement ma' dan, id-dikjarazzjoni li għamel l-imputat Abdalhamid Mahmoud fl-istqarrija tiegħu fil-konfront tal-ko-imputat Alshabt Ebrahim, ma tgħoddx u ma tagħmel l-ebda prova fil-konfront tal-istess ko-imputat u ma tistax tkun ta' preġudizzju għalih.

Fi kwalsiasi każ, jirriżulta mix-xhieda taż-żewġ vittmi illi kien speċifikatament l-imputat Abdalhamid Mahmoud – li ġie wkoll identifikat minnhom waqt ix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti - li kien sawwathom bil-ħadida, għalkemm stqarrew ukoll li effettivament, it-tliet imputati lkoll kellhom f'idejhom biċċiet tal-ħadid tal-iscaffolding li kienu ħarġu minn ġol-vann tagħhom waqt il-ġlieda li seħħet fi Triq il-Kbira San Guzepp. Dak li hu żgur huwa li ż-żewġ vittmi entrambi xehdu illi huma ġew imsawtin mill-imputat Abdalhamid Mahmoud u jeskludu illi huma qalgħu daqqiet jew li ġew imsawta mill-imputati l-oħrajn.

[20] **Il-Pulizija vs Saada Sammut et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru 2006.

Kwantu għas-sottomissjoni li saret mid-difiża waqt it-trattazzjoni illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova sodisfaċjentement illi l-imputati kienu ffurmaw l-intenzjoni formali li jikkaġonaw il-ħsara, il-Qorti hi tal-fehma illi n-natura tal-attakk kif ukoll l-aggressjoni fl-azzjonijiet tal-imputati kif deskritti mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, Yasin Ahmed Elhilali u Taha Khalifa, juru ħsieb pjuttost manifest li tiġi inflitta ħsara fuq il-persuna tal-imsemmija vittmi. M'huwiex attendibbli t-teżi li l-ġriehi sofferti setghu kienu kkaġonati aċċidentalment meta l-provi juru illi d-daqqiet li qalgħu il-vittmi kienu **daqqiet b'ħadida tal-iscaffolding**. F'din ix-xorta ta' azzjoni huwa diffiċli li jiġi ipotetizzat illi l-element tal-*actus reus* ma kienx akkumpanjat mill-*mens rea* meħtieġ biex jiġu inflitti l-ġrieħi effettivament sofferti – kif jidhru fir-ritratti esebiti[21] - u fl-aħjar ipotesi għall-imputat, mill-*mens rea* biex tiġi inflitta ħsara ġenerali.

Fil-ktieb tieghu, Notes on Criminal Law, il-Professur Anthony J. Mamo jgħid hekk[22]:-

*"To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely "animus nocendi", the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted. ... ... Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu."*

Dan kollu magħdud, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad meħtieġ mil-liġi mhux biss illi Yasin Ahmed Elhilali u Taha Khalifa ġew aggrediti u bħala riżulutat, huma ġarrbu ġrieħi fuq il-persuna tagħhom, iżda wkoll illi dawn il-ġrieħi ġew ikkaġunati mill-imputat Abdalhamid Mahmoud. Kwantu għall-imputati l-oħrajn, kif ingħad, ma tressqux provi sal-grad meħtieġ illi kull wieħed minnhom speċifikatament ikkaġuna xi feriti fuq il-vittmi f'dan il-każ.

[21] Ara ritratti Dok. YA1 sa YA12, fol. 102.
[22] Pagna 225.

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-ewwel imputazzjoni li ġew ikkaġunati lil Yasin Ahmed Elhilali offiżi ta' natura gravi, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk dawn l-offiżi humiex ta' natura gravi a tenur tal-Artikolu 216 jew inkella ta' natura ħafifa. Kif rajna, il-vittma kellu laċerazzjoni fuq wiċċu ta' madwar ċentimetru li kienet teħtieġ il-punti.

Illi l-prinċipji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' ġrieħi għall-fini ta' proċeduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament ġuridiku taghna, fejn jinsab ritenut paċifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[23]

L-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu tar-rinviju għall-ġudizzju indika li kwantu għall-ewwel imputazzjoni, tista' tinsab ħtija għar-reat speċifikatament taħt l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. Dan jipprovdi illi l-offiża fuq il-persuna hija gravi jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

Jingħad minnufih li ma nġiebet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni li l-offiża li ġarrab f'wiċċu Yasin Elhilali, sarrfet f'mankament li, b'mod ġenerali, jiġi riskontrat meta

[23] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.

jkun hemm deterjorament tal-aspett tal-wiċċ[24]. Sfreġju, a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wiċċ. Skont l-insenjament pacifiku in materja, biex l-offiza titqies bhala sfreġju, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[25] iżda mhux rikjest li din il-ħsara tibqa' hekk viżibbli għal xi żmien stabbilit. Kollox jiddependi mill-entita` tal-hsara: mhux importanti x'tissejjah il-hsara f'termini medici jew popolari ghaliex dak li hu importanti hu **l-entita' tal-ħsara fuq il-wiċċ**.

Ġie ritenut ukoll:-

"*Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza thalli mankament jew sfregju, f'dan il-kaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. ... il-liġi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.*"[26]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deċiża fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti*

[24] Ara **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, Appell Kriminali deċiż 12 ta' Settembru 1996.
[25] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.
[26] Appell Kriminali : **Il-Pulizija v. Luke Sciberras**, deċiż 28 ta' Mejju 2018.

*esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala* ***sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali****."* [emfasi ta' din il-Qorti]

Illi iktar minn hekk, huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal għal konklużjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-prinċipju ġie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[27] fejn intqal illi:-

*"...* ***ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant*** *... u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

Il-Qorti rat ir-ritratti li ttieħdu minn Insah Elhilali u li juru fost oħrajn, il-qasma li żewġha Yasin Elhilali ġarrab f'wiċċu fuq l-għajn il-leminija[28], qasma li ġiet ċertifikata wkoll minn Dr. Leigh Calleja u konfermata fix-xhieda tiegħu. Il-Qorti tqis li din il-qasma ossia laċerazzjoni fil-wiċċ ta' Yasin Elhilali li kienet teħtieġ ukoll punti[29] tikkostitwixxi sfreġju għaliex l-entita' tal-ħsara fil-wiċċ, anke f'dak il-waqt, hi mhux biss evidenti iżda wkoll konsiderevoli u dan irrispettivament mill-mod kif din il-laċerazzjoni setgħet fieqet eventwalment u jekk mal-mogħdija taż-żmien, din il-ħsara baqgħetx viżibbli.

Kwantu mbagħad għall-ġrieħi sofferti minn Taha Khalifa, għalkemm mill-provi jirriżulta li huwa kellu qasma fis-suba' l-kbira tal-lemin[30], l-imputazzjoni dedotta fiċ-Ċitazzjoni hija tar-reat taħt l-Artikolu 221 tal-Kap. 9, indikata wkoll mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-qasma li ġiet kkostatata minn Dr. Karim Abdullah li xehed quddiemha u afferma li din

[27] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996
[28] Ara ritratti Dok. YA9 u YA10.
[29] Ara xhieda Yasin Elhilali fol. 100.
[30] Kif ukoll barxa fuq l-ispalla tax-xellug.

kienet teħtieġ il-punti, hija offiża li tirraffigura, fl-agħar ipotesi għall-imputat, bħala offiża ta' natura ħafifa.

Ikkunsidrat;

Kwantu mbagħad għar-reati addebitati lill-imputati fit-tielet imputazzjoni, il-Qorti tqis illi din ġiet ippruvata fil-grad meħtieġ mil-liġi fir-rigward tal-imputati kollha għaliex mix-xhieda ta' Yasin Ahmed Elhilali kif ukoll Taha Khalifa jirriżulta ippruvat illi l-imputati **kollha** ħebbew għalihom bil-biċċiet tal-ħadid tal-iscaffolding meta kienu ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp il-Ħamrun.

Kwantu għall-imputat Abdalhamid Mahmoud iżda, il-Qorti tqis illi ġaladarba huwa qed jinstab ħati tad-delitti li ġie akkużat bihom fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni, ma jistax ukoll jinstab ħati tar-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(d) stante illi l-liġi tesiġi illi tista' tinstab ħtija għal din il-kontravvenzjoni kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi. Fil-każ in diżamina, jirriżulta illi meta l-imputat Abdalhamid Mahmoud ħebb għall-vittmi u aggredihom, ikkaġunalhom ukoll offiżi fuq il-persuna tagħhom u għalhekk huwa ma jistax jinstab ħati wkoll tal-imsemmi reat kontravvenzjonali.

L-imputati ġew mixlija wkoll illi inġurjaw jew heddew lil Yasin Elhilali u ħuh Taha Khalifa. Madanakollu, minn eżami tax-xhieda tagħhom ma jirriżultax li, lil hinn mis-swat li qalgħu, ġew mhedda jew li xi wieħed mill-imputati inġurjahom. Il-kliem "*għaraftek ... I know your face*" li Insah Elhilali semgħet lill-imputat jindirizza lil żewġha, fil-fehma tal-Qorti ma jikkostitwixxix theddid.

Madanakollu, fl-istess waqt, il-Qorti tqis illi l-provi juru inkonfutabbilment illi l-imputati kollha heddew liż-żewġ vittmi b'biċċiet tal-ħadid li ġabu minn ġot trakk tagħhom biex iħebbu għalihom. Skont ix-xhud Taha Khalifa dawn il-biċċiet tal-ħadid kien fihom tul ta' madwar metru jew metru u nofs kull waħda. Għall-Qorti dan huwa biżżejjed biex tinstab ħtija għar-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(b).

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qegħdin jinstabu ħatja l-imputati rispettivament u l-fatt illi fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati kellhom fedina penali kompletament netta. Ikkunsidrat ukoll l-eta' żgħira tagħhom iżda fil-każ partikolari tal-imputat Abdalhamid Mahmoud, il-Qorti ma tistax ma tieħux qies tal-gravita' tal-feriti kkaġonati lil Yasin Elhilali f'rasu u l-fatt illi kontra din il-manifestazzjoni ta' vjolenza u aggressjoni li fil-qies tar-riżultanzi tal-provi ma kienet bl-ebda mod ġustifikata, ma jirriżultawx l-estremi tal-attenwanti tal-provokazzjoni. Attenwanti li f'kull każ qatt ma ġiet sollevata mid-difiża lanqas fit-trattazzjoni finali. Fil-qies ta' dan kollu il-Qorti ma tistax hlief teroga piena li hija idonea anke bhala deterrent kontra aġir kriminuż bħal dan.

Fl-istess waqt iżda, sabiex issir ġustizzja f'dan il-każ ma jidhrilhiex illi għandha tmur għall-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta' priġunerija effettiva, iżda hija tal-fehma li għandha teroga piena ta' prigunerja ghal terminu li ghandu jigi sospiż, u dan sabiex tinstawra fl-imputat l-għarfien illi egħmilu kien wieħed kriminuż u b'hekk jaħsibha sew qabel jerġa' jaġixxi b'agir delinkwenti u vjolenti bħal dak riskontrat fil-każ in diżamina.

Il-Qorti tosserva wkoll, in konklużjoni, illi fit-18 ta' Mejju 2018, l-emendi li ġew introdotti bis-saħħa tal-Att XIII tal-2018 kienu ġia' daħlu fis-seħħ[31] iżda l-emendi li sussegwentement naqqsu l-piena għar-reat taħt l-Artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali għal priġunerija sa sentejn jew il-multa, ma kienux għadhom ġew promulgati[32]. Dan ifisser illi fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati taħt l-Artikolu 216 u 221 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena għar-reat taħt l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali kienet diġa' żdiedet minn priġunerija għal żmien tliet xhur sa tliet snin, għal priġunerija minn sena

---

[31] Permezz tal-Avviż Legali 154 tal-2018: id-data tad-dħul fis-seħħ hu 15 ta' Mejju 2018.

[32] Att XXXII tal-2018 li ġie fis-seħħ f'Lulju 2018.

sa seba' snin filwaqt illi l-piena għar-reat taħt l-Artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali kienet ta' priġunerija sa ħames snin jew il-multa. Madanakollu, bl-applikazzjoni tal-prinċipju kontra r-retroattivita' tal-liġi penali sostantiva, inkluż għalhekk id-dispożiżżjonijiet li jinfliġġu l-piena, il-piena applikabbli għar-reat taħt l-Artikolu 221 tal-Kodiċi Kriminali għandha tkun dik l-iktar mita, ċioe' l-piena applikabbli llum.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibux ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17, 214, 215, 216(1)(b), 221, 339(1)(b), issib lil ABDALHAMID MAHMOUD ħati tal-ewwel, it-tieni u l-ħames imputazzjonijiet u tikkundannah erbatax (14)-il xahar priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna illi din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk, matul sentejn mil-lum il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Filwaqt li ma ssibx lil SALEH MAHMOUD u lil ALSHABT EBRAHEM ħatja tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u tilliberahom, wara li rat l-Artikoli 339(1)(b) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-istess SALEH MAHMOUD u lil ALSHABT EBRAHEM ħatja tat-tielet u l-ħames imputazzjonijiet iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tilliberahom bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmlu ebda reat matul perjodu ta' sentejn mil-lum.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Yasin Ahmed Elhilali u Taha Khalifa, il-Qorti qieghda torbot lil ABDALHAMID MAHMOUD, SALEH MAHMOUD u ALSHABT EBRAHEM b'obbligazzjoni tagħhom**

**infushom taħt penali ta' elf Euro (€1,000) kull wieħed li ma jimmolestawx lill-istess Yasin Ahmed Elhilali u lil Taha Khalifa u dan għal żmien sena mil-lum.**

**Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qorti għall-fini tal-Artikolu 28A(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**